# IL-GRUPP TAS-SOĊJALISTI FIL-PARLAMENT EWROPEW



PSE

# MIN AĦNA?

Aħna membri tal-partiti soċjalisti, laburisti u soċjal demokratiċi mill-pajjiżi ta' l-Ewropa, magħquda fi ħdan il-Partit tas-Soċjalisti Ewropej u eletti għall-Parlament Ewropew kull ħames snin.

# X'NIRRAPPREŻENTAW

L-impenn tagħna hu li:

- nsaħħu t-tkabbir u l-ġid ta' l-Ewropa, niġġieldu kontra l-faqar u noħolqu aktar xogħol ta' kwalità aħjar
- nippromovu l-Ewropa bħala żona ta' demokrazija, solidarjetà u ugwaljanza
- nieħdu ħsieb il-migrazzjoni u naċċertaw li l-persuni kollha, jiġu minn fejn jiġu, jkollhom sehem x'jagħtu fis-soċjetà tagħna
- nibnu dinja msejsa fuq is-sigurtà u l-paċi u li tkun aktar sostenibbli u ġusta

Bħala forza ewlenija fil-Parlament Ewropew, aħna għandna sehem kbir x'nagħtu fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu lil kulħadd fl-Ewropa. Aħna nixtieqare naraw Ewropa li tkattar il-ġid b'mod illi jgawdi kulħadd.

Irridu naraw livelli ta' eċċellenza fl-oqsma ewlenin kollha li jolqtuna l-aktar:

- soċjetà mibnija fuq is-sigurtà fejn kulħadd iħossu komdu
- ekonomija li minnha jgawdi kulħadd fl-Ewropa u li tassigura l-futur taż-żgħażagħ tagħna permezz ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja
- ambjent nadif u mingħajr perikli – illum u għall-ġenerazzjonijiet futuri
- servizzi pubbliċi eċċellenti li huma sostenibbli għal kull min għandu bżonnhom

# KIF NAĦDMU GĦALIK

Aħna għandna kuntatti tajbin mas-setturi kollha tas-soċjetà, u nagħtu widen lill-persuni f'organizzazzjonijiet volontarji, trade unions, organizzazzjonijiet tal-kummerċ, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, gruppi ta' interessi speċjali u persuni fil-pajjiżi tagħna.

Dawn il-kuntatti huma mprezzabbli għall-ħidma tagħna ta' kuljum fil-Parlament Ewropew. Aħna nvoluti wkoll fix-xogħol speċjalizzat tal-kumitati parlamentari, fejn infasslu l-abbozzi tal-liġijiet biex dawn isarrfu f'ġid għall-450 miljun ruħ li jgħixu fl-Unjoni Ewropea.

Fil-kumitati u fis-sessjonijiet plenarji tal-Parlament, il-prijoritajiet tagħna huma li l-interessi taċ-ċittadini jiġu l-ewwel u qabel kollox u li nwettqu l-impenji tagħna.

Aħna nvoluti wkoll f'diskussjonijiet regolari mal-kollegi tagħna li jinsabu f'pajjiżi u f'reġjuni oħra tad-dinja, u nressqu t-tħassib tagħhom dwar l-iżvilupp, il-kummerċ ġust, il-faqar u l-mard lejn il-qalba tat-teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell Ewropew. Dan id-djalogu jfisser illi l-valuri u l-impennji tagħna jinġiebu 'l quddiem mhux biss fl-Ewropa iżda fid-dinja kollha fl-interessi tal-paċi, l-ugwaljanza, il-ġustizzja u d-drittijiet tal-bniedem.

# IL-MEMBRI TIEGĦEK TAL-PARLAMENT EWROPEW

Aħna l-Membri tiegħek tal-Parlament Ewropew, u aħna qegħdin hawn biex naħdmu f'ismek. Tista' ssib il-links u d-dettalji fejn tikkuntattjana fuq is-sit ta' l-internet u dejjem tista' tikkuntattjana direttament.

## AKTAR TAGĦRIF

Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-attivitajiet tagħna tinsab fuq is-sit ta' l-internet

www.socialistgroup.org

Printed and published: David Harley, Secretary General, Socialist Group in the European Parliament, rue Wiertz, 1047, Brussels – Graphic design: M2M